# IC-CENAKLU

Id-dar fejn kienet il-għorfa li ġewwa fiha Ġesù tgħaxxa l-aħħar darba, kienet mis-swar ta' Ġerusalem 'il ġewwa, fuq il-għolja ta' Sijon.

Il-lum, imma qegħda mis-swar il barra, għax is-swar ta' Ġerusalem, mill-elfejn sena 'l hawn li Ġesù ilu li kien fid-dinja, twaqqgħu u reġgħu nbnew aktar minn darba u tnejn. U meta nbnew l-aħħar darba, fis-snin 1537-1541, biċċa kbira mill-għolja ta' Sijon tħalliet barra, u hekk sefgħet barra wkoll id-dar li semmejna fuq, bil-għorfa jew Ċenaklu li kien fiha.

Minn żmien Ġesù 'l hawn, din id-dar ukoll twaqqgħet u nbniet kemm-il darba, imma kull meta nbniet dejjem inbniet fuq il-għamla li kellha qabel, għal hekk issa wkoll għadha tixbah sew li d-dar li daħal u kiel fiha Ġesù. Nisthajluna mela li mmorru narawha. Din id-darba narawha bil-ħsieb, imma jista' jkun li xi darba oħra narawha bil-għajnejn .

* * *

Nisthajluna li qegħdin Ġerusalem u noħorġu mill-belt mill-bieb li jagħti għan-naħa tal-Qibla, jew ta nofsinhar, li jgħidulu Bab id-Dahûd. Ma nilwux fuq il-lemin, anqas fuq ix-xellug, fejn hemm żewġ toroq massur is-sur, imma nimxu dritt 'il quddiem. It-triq, aħna u nimxu lejn il-lemin fiha ħajt għoli, ħajt ta' ġnien, u lejn ix-xellug ħajt baxx, tas-sellieh, ħajt tal-egħlieqi. Naraw fuq ix-xellug, knisja żgħira titla' għaliha bit-taraġ, li bnewha m'ilhomx ir-Rħieb Franġiskani ta' Ġerusalem. Nibqgħu miexjin mat-triq li hi miksija bil-biċċiet tal-ħaġar mieles daqs kemm eluf ta' saqajn ta' nies ħafja għaddew minn fuqu. Wara ftit naraw knisja kbira, tar-Rħieb Benedittini Ġermaniżi, li jgħidulha n-Nagħas tal-Madonna, għax ġewwa fiha tingħata qima lin-Nagħas jew Mewt għażiża Tagħha. Ngħaddu minn wara din il-knisja u nsibu ruħna ġewwa naqra ta' misraħ imdawwar bil-bini. Fuq il-lemin id-Dejr tal-Benedittini li għadna kemm semmejna l-knisja tiegħu, u fuq ix-xellug u quddiemna, djar tal-Għarab, qodma u suwed biż-żmien. Id-dar ta' quddiem nett li fiha bieb kbir, akbar minn tal-oħrajn, hija d-dar li ġewwa fiha tinsab il-Għorfa Mqaddsa, jew Ċenaklu.

Nitilgħu tliet tarġiet u nidħlu ġewwa dal-bieb u nsibu ruħna ġewwa kamra kbira, bis-saqaf magħmul ħnejja. Minn hemm noħorġu f'bitħa u naraw fuq ix-xellug taraġ dejjaq, mikxuf bil-lqugħ tal-ħadid, li jagħti għal fuq il-bejt.

Bħal issa, d-dar li fiha ċ-Ċenaklu qegħda f'idejn il-Lhud, m'hux f'idejn il-Għarab, kif kienet dari, u dawn iridu jkunu mgħarrfa minn qabel meta xi ħadd ikun sejjer iżurha. Għal hekk ikun hemm xi ħadd jistenniena u kif nitilgħu fuq il-bejt, imur iġib il-muftieħ biex jiftħilna l-Għorfa Mqaddsa. Il-bieb tal-Għorfa qiegħed in-naħa tax-xellug kif nitilgħu t-taraġ. Il-Lhudi jiftħilna l-bieb u nidħlu ġewwa.

Insibu ruħna ġewwa sala kbajra, twila xi tmienja u erbgħin xiber Ingliż, u wiesgħa xi tletin. Fin-nofs tagħha hemm żewġ kolonni qosra, bir-rjus tagħhom wesgħin. Ġewwa kull ħajt, tal-lemin u tax-xellug, żewġ kolonni oħra bħalhom sewwa, nofshom barra u nofshom mibnija fil-ħajt. Minn fuq dawn il-kolonni tiel-

għin arki bil-ponta li jagħmlu s-saqaf tas-sala. Ir-rjus tal-kolonni tannofs, imnaqqxin. F'waħda h e m m għenieqed tal-għeneb u fl-oħra bħal weraq li meta ċ-Ċenaklu kien f'idejn il-Għarab kienu jgħidu li kien biċċiet tal-ħobż.

Is-sala mdawla minn tliet twieqi li jagħtu għal fuq il-bejt. Dawn it-twieqi ma fihomx bibien, imma magħluqa bi lwieħ tal-ħaġar. Il-lwieħ imqgħu miegħu. Hemm tagħom l-Akbar Tifkira li sata' jagħtihom, li tibqa' sejra sal-aħħar tad-dinja.

Ġewwa dil-Għorfa baqgħu jiltaqgħu l-Appostli wara l-Mewt ta' Ġesù. Hemm għaddiet biċċa kbira minn ħajjitha l-Madonna, u hemm raqdet, jew mietet għal ftit taż-żmien. Hemm kienu jinżammu l-bordi tal-Kliem ta' Ġesù li minn fuqhom inkiteb l-ewwel Evanġelju. L-ewwel



*Ġerusalem — Iċ-Ċenaklu minn ġewwa.*

taqqba u kull toqba misduda bilħġieġ, biex hekk, għad li jidħol iddawl, jibqgħu barra r-riħ u x-xita fix-xitwa, u fis-sajf il-ħrara taxxemx.

Ġewwa dis-sala Ġesù bagħat liżżewġ Appostli, san Pietru u san Ġwann, il-kbir u ż-żgħir, biex iħejju l-ikla tal-Għid. Hemm ġew Ġesù kellu, biex ngħidu hekk, il-għafja tal-mewt. Hemm bħal nesa x'kien ġej għalih u ftakar biss fl-imħabba kbira, bla tarf, li kellu għal dawk li ba-

Sinagoga jew Knisja tal-Lhud Insara kienet hemm.

Meta Titu l-Ħarrieb Ruman, għaleb lil-Lhud fis-sena 70, lil Ġerusalem ma waqqagħhiex kollha. Fuq Sijon ħalla ftit bini u fost dan il-binikien hemm din id-dar, fejn kienet tinsab il-Għorfa Mqaddsa. Għal hekk, meta l-Insara reġgħu lura minn Pella, fejn kienu ħarbu (jekk ħarbu kollha, għax jista' jkun li baqgħu xi ftit Ġerusalem u ma ndaħlux fil-ġlied) ħadu mill-ġdid f'idejhom dik id-dar.

U hemm baqgħu jiltaqgħu għal żmien twil, dawk li kienu emmnu u x-Xjuħ tagħhom, jew Qassisin.

* * *

Fis-seklu IV, wara li Kostantinu ħeles lill-Insara, fuq id-dar li qegħdin insemmu, inbniet Bażilka kbira u sabiħa, u l-Għorfa jew Ċenaklu, tħalla barra, imma kien jinfed magħha min-naħa tal-lemin. Dil-Bażilka kienet twila mitt minkeb, wiesgħa sebgħin, u kien fiha tmenin kolonna. Dawn il-kolonni kellhom il-ħnejjiet fuqhom li jżommu s-saqaf.

Dil-Bażilka ġarrfu ħafna minnha l-Persjani meta daħlu l-Palestina fis-sena 614 imma l-Insara sewwewha ftit żmien wara. Fis-sena 966, il-Lhud u l-Misilmin serqu kull ma kien fiha u ħarquha. Reġgħu bnewha s-Salibin (jiġifieri l-gwerrieri Nsara li fuq sidirhom kellhom b'għelma s-Salib) u kienu jagħmlu minnha r-Rħieb ta' santu Wistin. Fis-sena 1219, raġa' ġiegħel lil Misilmin ta' Ġerusalem iwaqqgħuha s-Sultan Tork, Melek l-Imgħażżem, u waqqa' wkoll kemm il-knisja oħra fl-Art Imqaddsa biex, minn għalih, ma jibqgħux imorru l-Insara minnħabba fihom.

Fis-sena 1341, ir-Rħieb Franġiskani ħadu f'idejhom iċ-Ċenaklu u bnew is-sala ta' fuq jew Għorfa Mqaddsa, kif inhi l-lum. Wara żmien inqala' wieħed Lhudi Spanjol, jismu Benjamin de Tudela, u xandar li taħt iċ-Ċenaklu jinsab il-Qabar ta' David. Billi Muħammed jsemmi fil-Quran lil David bħala profeta tal-Misilmin, il-Għarab, Misilmin, riedu l-qabar tiegħu li kien hemm taħt. Sultan ieħor Tork, Sliman it-II (dak in-nifsu li bagħat jagħmel assedju lil Malta fi żmien La Valette) amar li jitkeċċew mill-Għorfa Mqaddsa r-Rħieb Franġiskani, billi dawna kienu Nsara. U hekk il-Misilmin qatlu ħafna minnhom u keċċew il-bqija, fis-sena 1551.

Iċ-Ċenaklu dam f'idejn il-Misilmin sas-sena 1948, meta fil-Palestina tqabdu l-Għarab u l-Lhud. Dik is-sena ċ-Ċenaklu waqa' f'idejn il-Lhud, li wkoll jemmnu li taħtu hemm il-qabar ta' David. Għalhekk ftit li xejn hemm tama li jarġa' jiġi f'idejn is-sjied veri tiegħu: il-Franġiskani.

Fra KARITON, O.F.M.

# GAĦAN U L-QATTUSA.

Il-mara ta' Ġaħan kellha qattusa, li kienet fix-xitwa tmur torqod ġewwa l-kenun, fejn kien ikun hemm ir-rmied sħun, wara li l-mara ssajjar, għal hekk il-qattusa kienet tiġġemmed tgħidx kemm. Darba waħda kif il-mara ma kenitx id-dar, Ġaħan qabad il-qattusa u fettillu jaħsilha. Ġieb żingla, imlieha bl-ilma, għaddas fih il-qattusa u dilikha bis-sapun, u beda jogħrokha kif jogħorku l-ħwejjeġ. Kien għaddej raġel u raħ. Qallu: "Ġaħan, dik il-qattusa sa toqtolha. Int hekk taħsilha, donnok qiegħed taħsel qmis?"

"Għax għandha tmut?" raġa Ġaħan. "Le; xejn ma jiġrilha!"

Wara xi nofs siegħa dak ir-raġel raġa' għadda minn hemm u ra lil Ġaħan jibki, u saqsieħ x'kien ġralu. "Il-qattusa mietet. Hemm araha!" qallu Ġaħan. "Jien m'għedtlekx li sa toqtolha b'dak il-egħrik kollu?" qallu dak.

"Mhux tas-sew!" għajjat Ġaħan. "Ma metitx jien u naħsilha; mietet jien u nagħsarha qabel innixxifha!"